MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2012

Numru. 793/2012

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emadeldin Mohamed Ahmed Shohba detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija numru 27203A u detentur tal-Passaport Egizzjan bin-numru A01766386.

**Akkuzat talli:**

Fil-31 ta` Lulju, 2012, u fix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta` Anthony Manicaro u ta` Joseph Zarb;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta` banek privati foloz, u cioe` cekk tal-HSBC Bank Malta plc., mahrug fuq kont bankarju bin-numru 39064092001 bin-numru 000250, u cekk tal-Bank of Valletta plc, mahrug fuq kont bankarju bin-numru 40018160633 bin-numru 000161;

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqa` ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex imexxihom;

Akkuzat ukoll talli fil-31 ta` Lulju, 2012, ghal habta ta` nofs in-nhar gewwa Birkirkara;

4. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi, jew ta` ordni mghotija skond il-Ligi mill-awtorita` kompetenti u cioe` fuq diversi ufficjali tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi hfief fuq il-persuna tal-iSpettur Ian Joseph Abdilla, skond kif iccertifika Dr. S. Azzopardi M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li hu inkarigat minn servizz pubbliku u cioe` mill-iSpettur Ian Joseph Abdilla u s-Surgent 1335 Duncan Schembri, Ufficjali tal-Pulizija, jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliehomx jaghmlu dak li b'ligi kien ordnat jew setghu jaghmlu, jew

billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-Ligi;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq nuccali, ghad-dannu tal-iSpettur Ian Joseph Abdilla u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex l-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) imma izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;
Semghet ix-xhieda mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 96, 98,184, 221, 308, 310, 325, 338 (ee), 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti wara li rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet dedotti mill-Prosekuzzjoni, wara li rat il-koperazzjoni bikrija tal-imputat, wara li skuza ruhu personalment mal-iSpettur Ian Joseph Abdilla dwar dak li gara matul l-incident u wara li hallas id-danni minn kkagunati matul l-istess incident, din l-ammissjoni kkundizzjonata u volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni ma jhallu l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati.

Wara li inghat zmien xieraq sabiex jahseb fuq l-ammissjoni tieghu u wara li kkonferma din l-ammissjoni u wara li hadet inkonsiderazzjoni su esposti l-fatti qed tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ta` sentejn (2) sospizi ghal erba` (4) snin bil-kundizzjoni huwa ghandu jhallas l-ammont ta` tlett elef ewro (€3,000) bejn idderubita

fi zmien sitt xhur (6) ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------